# Is-Surmast Angelo Melilli

## *Direttur Mużikali tal-Banda San Filippo ta' Ħaż-Żebbuġ Magħruf għall-Marċi Funebri Tiegħu*

Kitba tal-Kan. Jos. Bonello

**Fit-30 ta' April, 1898, il-gazzetta *Malta* ħabbret li l-Banda tal-Furjana Vilhena akkwistat is-servizzi tas-Surmast Melilli** bħala direttur mużikali tagħha. **Min kien dan is-Surmast Melilli?**

Lejn l-aħħar tas-seklu dsatax u l-bidu tas-seklu għoxrin, bosta kienu dawk is-surmastrijiet tal-mużika, l-aktar Taljani, li sabu impjieg mal-baned Maltin ta' dak iż-żmien. Fosthom kien hemm is-surmast Angelo Melilli, Sqallija minn Licata (provinċja ta' Grigento) li bejn l-1898 u l-1912 idderieġa mhux inqas minn tliet baned: La Vilhena tal-Furjana, San Filippo ta' Ħaż-Żebbuġ u San Giorgio ta' Bormla.

## Il-Familja Melilli



Is-surmast Melilli kien direttur ta' waħda mill-**baned Militari Taljani**. Kien miżżewweġ lit-tfajla Antonietta Martinez u kellhom ħamest itfal – Rosaria, Angelo, Maria, Giulia u Salvatore. Meta kien joqgħod il-Furjana twieldu żewġt itfal oħra, Concetta u Graziella u meta mar Bormla bħala Direttur, twieldu oħrajn li kollha ġew mgħammdin fil-parroċċa ta' Bormla.

Melilli telaq minn Malta għal Tuneż fl-14 ta' Ġunju, 1912, flimkien mal-familja tiegħu. Reġa' ġie Malta u dam biss ġimgħa, bejn it-12 u d-19 ta' Diċembru, 1912. Miet f'Tuneż nhar it-30 ta' Awissu, 1913.

## Direttur tal-Banda Vilhena

Melilli beda l-ħidma tiegħu mal-Banda Vilhena fl-1898, u malajr sar popolari fost il-membri. Ta' spiss kien ikun il-każin jitkellem u jiċċajta magħhom. F'Settembru 1900, Melilli dderieġa l-banda Furjaniża fil-Belt ta' **Sirakuża**, fejn il-banda għamlet programm mużikali fil-pjazza tal-Belt. Baqa' jissemma l-programm famuż li sar fl-Argotti l-Furjana fl-1 ta' April, 1905, meta fost entużjażmu kbir offrewlu rigal sabiħ u bukkett fjuri. F'dan iż-żmien kiteb ħafna marċi l-aktar funebri għall-istess banda, u sar ***Innu Ġdid ta' San Publiju*** li kemm-il darba ndaqq, flok l-**Innu famuż *Inno Nazionale a San Publio*** ta' **Ricardo Bugeja** bi kliem ta' **Antonio Agius**. Fi żmienu l-banda għamlet progress kbir, u kienet magħrufa għall-programmi sbieħ li kienu jsiru f'diversi postijiet f'Malta.

## Direttur tal-Banda San Filppo ta' Ħaż-Żebbuġ

Mitt sena ilu, waħda mill-baned popolari ta' Malta kienet San Filippo ta' Ħaż-Żebbuġ. Din il-banda minn dejjem kellha surmastrijiet magħrufa, fosthom kien hemm id-Direttur tagħha s-Surmast Angelo Melilli. Dan beda l-ħidma tiegħu mal-banda nhar il-Ħadd, 19 ta' novembru 1905, meta sar programm famuż fil-pjazza tar-raħal. Kiteb sinfoniji u marċi għall-banda,

żgur iżda li l-aktar xogħol kbir tiegħu huwa ***Inno San Filippo d'Aggira*** li għadu jindaqq sal-lum. Melilli kien maħbub ukoll mill-membri tal-Każin San Filippu fejn ta' spiss kien joqgħod jitkellem u jiċċajta magħhom. Dan iż-żmien sar progress kbir fil-banda meta Melilli kellu ħafna żgħażagħ jitgħallmu l-mużika.

## Direttur tal-Banda San Ġorġ ta' Bormla

Melilli kellu wkoll id-**direzzjoni mużikali tal-Banda San Giorgio ta' Bormla**. Kien iż-żmien, 100 sena ilu, meta f'Bormla saru **festi kbar ta' l-Inkurunazzjoni tal-Madonna tal-Kor tal-parroċċa**. Għalhekk Melilli kellu ċans tajjeb li juri l-kapaċità tiegħu bħala mużiċist famuż. Huwa dderieġa l-banda meta wasal Malta l-**Kardinal Ferrata** biex jinkuruna l-Madonna. Idderieġa wkoll meta saret l-inawgurazzjoni ta' l-istatwa ta' Marija Immakulata fil-Portiku tal-knisja ta' Santa Margerita, meta ndaqq għall-ewwel darba f'Malta l-Innu **Si Levi a Maria**.

Fl-1903, il-banda ta' Bormla, ġiet mistiedna fil-**belt ta' Sirakuża**, fejn daqqet programm b'suċċess kbir, tant li l-gazzetti ta' din il-belt faħħru ħafna l-banda ta' Bormla darbtejn fit-23 u 24 ta' Awissu, 1903. Melilli dam mal-banda Bormliża sakemm minħabba saħħtu ġie biex jitlaq minn Malta fis-sena 1912, iżda qabel telaq ħalla bħala wirt u tifkira tiegħu l-**bakketta** li biha s-Surmast Melilli mexxa l-banda għal ħdax-il sena.

## Għeluq

Is-Surmast Melilli jibqa' magħruf fostna l-aktar għall-**marċi funebri tiegħu** li għadhom jindaqqu fil-ġranet tal-Ġimgħa l-Kbira. Żgur li l-isbaħ marċi funebri tiegħu huma ***Cipresso***, ***Venerdi Santo***, ***Misto Ricordo***, ***L'Ultima Caduta*** u ***In Memoria del Marchese Barbaro di San Giorgio***. F'Ħaż-Żebbuġ Malta, issemmiet triq għal dan il-bravu surmast u kompożitur.